# Is-Sliem

Mejju 2011

Nru. 260



**Knisja Arċipretali ta' San Filep ta' Agira, Ħaż-Żebbuġ**

Tel. Uffiċċju: 21460800
Mob: 79729252
Tel. Dar: 21465586
Uffiċċju Parrokkjali:
"Villa San Filep",
Triq il-Kbira,
Ħaż-Żebbuġ ŻBĠ 1307


## IL-PAPA F'MALTA:

## IŻ-ŻWIEĠ HUWA INDISSOLUBBLI (B'RABTA DEJJIEMA)... SAL-MEWT



**Meta kien f'Malta, f'April 2010, il-Papa Beneditt XVI faħħar il-mod kif Malta kienet kapaċi tibni nazzjon fuq is-sisien tal-valuri Nsara u faħħar id-difiża Maltija ta', fost ħwejjeġ oħrajn, il-familja tradizzjonali bbażata fuq iż-żwieġ bejn raġel u mara.**

**Fl-indirizzz ta' merħba mal-wasla tiegħu f'Pajjiżna, il-Papa eżorta lill-President Abela biex Malta "tibqa' tħares l-indissolubbiltà taż-żwieġ" u "n-natura vera tal-familja."**

**IS-SLIEM:** Fuljett tal-Parroċċa SAN FILEP TA' AGIRA, Ħaż-Żebbuġ. – **Mejju 2011**. – Inizjattiva tal-**Kummissjoni "Relazzjonijiet Pubbliċi u *Media*"**, li hija ffurmata minn: Fr. Daniel Cardona (ARĊIPRIET); Tonio Galea (SEGRETARJU); u l-MEMBRI: Joe P. Borg, Owen Briguglio, l-Avukat Dr. Jean Noel Cutajar LL.B., Dip. Not. Pub., LL.D., Keith Cutajar B.Sc. I.T. (Hons), in-Nutar Dr. Philip Ellul LL.B., Dip. Not. Pub., LL.D., Michael Sciriha u t-Tabiba Dr. Elizabeth Zammit Lupi MD. – **INKARIGATI MIR-REKLAMAR:** Janet Agius u Grace Baldacchino – **GĦAN TAL-ĦIDMA** tal-Kummissjoni "Relazzjonijiet Pubbliċi u *Media*": Li twassal TAGĦRIF fuq ġrajjiet u mixjet il-Parroċċa u l-ħidma mwettqa mill-Arċipriet u l-Kleru, mill-Għaqdiet Reliġjużi u Gruppi oħrajn parrokkjali – TAGĦRIF li jiswa ta' ħolqa bejn il-parruċċani kollha u ta' tħeġġiġ għal sehem akbar u usa' f'din il-ħidma parrokkjali.

# ŻJAJJAR (U TBERIK) LILL-FAMILJI

| | |
|---|---|
| **It-Tnejn, 9 ta' Mejju:** | Triq id-Duluri; Triq Dun Mikiel Xerri; Triq Pawlu Balzan. |
| **It-Tlieta, 10 ta' Mejju:** | Triq Sant' Antnin; Misraħ l-Isptar; Triq id-Dejqa. |
| **L-Erbgħa, 11 ta' Mejju:** | Triq l-Isqof Caruana. |
| **It-Tnejn, 16 ta' Mejju:** | Triq l Infetti; Vjal il-Ħelsien (mill-bidu, sa Triq Stu. Rokku); Triq Agira; Triq Amante Attard. |
| **It-Tlieta, 17 ta' Mejju:** | Jitkompla Vjal il-Ħelsien; Triq l-Imdina (minn Bieb De Rohan sal-*Midland Hall*); u wara l-Knisja tal-Kunċizzjoni sa "tal-Ħlas". |
| **L-Erbgħa, 18 ta' Mejju:** | Misraħ San Filippu; Triq Antonio Sciortino; Triq Mons. S. Milanesi; Triq Luret Vella. |
| **Il-Ħamis, 19 ta' Mejju:** | Triq l-Imdina (mill-"*S. Club*" sas-Santwarju). |
| **It-Tnejn, 23 ta' Mejju:** | Titkompla Triq l-Imdina (mis-Santwarju sal-"*SMW Cortis*"). |
| **Il-Tlieta, 24 ta' Mejju:** | Triq iż-Żebbuġ. |
| **L-Erbgħa, 25 ta' Mejju:** | Triq Santu Rokku. |
| **Il-Ħamis, 26 ta' Mejju:** | Triq Ġeraldu Farrugia; Triq Ġdida fi Triq l-Imdina; Dawret in-Niżla ta' San Pawl. |



## Filwaqt li Tħejji Ruħek Sew għaż-Żjara tas-Saċerdot f'Darek...

**• Agħmel ħiltek biex il-membri kollha tal-familja tiegħek ikunu preżenti.**
**• Ara li t-televiżjoni, radju, eċċ... ikunu mitfijin.**
**• Tinsistix li tagħti *drinks* lis-saċerdot.**
**• Kun ippreparat/a minn qabel bil-mistoqsijiet, suġġerimenti, ilmenti, eċċ... tiegħek.**

**N.B.: Kun af/ftakar li d-donazzjoni li jogħġbok tagħti lill-Arċipriet jew lill-Viċi mhijiex għalihom personali, iżda għall-bżonnijiet tal-Parroċċa (knisja, proġetti, eċċ...)**

## ĦSIEB ĊKEJKEN MARJAN GĦAL MEJJU

**(IX-XAHAR TAL-MADONNA)**

**"Hemm ħaġa li tolqotni, fil-Vanġelu: ġewwa Kana, Ġesù, l-Omnipotenza tiegħU, għaddieha lill-OmmU.**

**Hemm ħaġa oħra li tolqotni, f'dil ġrajja: l-għajnejn ta' Marija huma *għajnejn ta' omm*. Ħadd ma *ntebaħ* li naqsilhom l-inbid. Marija biss *intebħet*.... u *ndaħlet*. Dan huwa wieħed mill-mumenti l-aktar qawwija tal-meditazzjoni materna ta' Marija."**

**OSCAR LUIGI SCALFARO,**
**Ex-President tal-Italja.**



JOHN SPITERI
(TAX-XEMA')

SERVIZZ TAL-FUNERALI
(24 SIEGĦA KULJUM).

155, TRIQ L-ISQOF CARUANA,
ĦAŻ-ŻEBBUĠ.
BISWIT IL-KUNSILL LOKALI

IL-KANT BLA ĦLAS

TEL: 21464286.
MOB.: 79464286.

*Messaġġ tal-Arċipriet:*

# ID-DIVORZJU: ĦSARA LI GĦADNA NISTGĦU NEVITAWHA!

Qegħdin noqorbu sew lejn il-waqt tal-prova tagħna. Smajna ħafna u ser nibqgħu nisimgħu ħafna diskorsi u argumenti fuq id-divorzju u fuq jekk għandniex indaħħluh f'pajjiżna.

Hemm min hu ċar u ser jivvota "LE", mingħajr diffikultà. Hemm min qiegħed bejn ħaltejn x'jaqbad jagħmel. Oħrajn saħanistra ddeċidew li jivvotaw "iva" u jħossu li huma paċi mal-kuxjena tagħhom jekk jagħmlu hekk.

Fil-dawl ta' dan, inħoss li rrid nagħmel dan ċar, ispirat mit-tagħlim tal-Knisja, kif għaddewhulna l-Isqfijiet tagħna.

L-isqfijiet jgħidulna ċar (u hawn ser nikkwota biex niftiehmu SEW):



*Il-messaġġ (bit-tagħlim u l-PARIR) tar-Rgħajja Spiritwali tal-Gżejjer Maltin – l-Isqfijiet Cremona u Grech – huwa ċar: ftuħ l-għajnejn.*

*"Id-Deċiżjoni li jivvota favur jew kontra l-liġi tad-divorzju, in-Nisrani jrid jeħodha fid-dawl tat-twemmin tiegħu. Għan-Nisrani, liġi li tagħmel iż-żwieġ mhux dejjiemi* ***tmur kontra r-rieda tal-Missier****. Għalhekk, in-Nisrani li hu favur id-divorzju joħloq* ***firda*** *bejn dak li jemmen u dak li ser jagħżel, liema għażla se jkollha* ***konsegwenzi irreparabbli****. . .*

*. . . Meta in-Nisrani jagħraf li l-ġudizzju tiegħu ma jkunx jaqbel mat-tagħlim ta' Kristu, kif twassalhulna l-Knisja, hu* ***ma jkunx ħieles mill-ħtija*** *jekk ma jġibx il-ġudizzju tiegħu jaqbel ma dak it-tagħlim – għax, meta konxjament u liberament jikser il-liġi morali, ikun qiegħed* ***jikser ir-relazzjoni tiegħu ma' Alla****, il-Missier ta' Sidna Ġesù Kristu."*

> **Missirijietna dejjem għarfu li jibżgħu għaż-żwieġ dejjiemi, minkejja d-diffikultajiet li għaddew minnhom. Ser inkunu aħna li nkissru dan kollu? Ftakar li, faċli tkisser, iżda diffiċli tibni!**

Fid-dawl ta' dan, nappella biex l-għazla tagħna, li ser nagħmlu bil-vot tagħna, neħduha b'serjetà kbira.

Missirijietna dejjem għarfu li jibżgħu għaż-żwieġ dejjiemi, minkejja d-diffikultajiet li għaddew minnhom. Ser inkunu aħna li nkissru dan kollu? Ftakar li, faċli tkisser, iżda diffiċli tibni! Jien, għad għandi tama qawwija li, fil-mument tal-prova, nagħmlu l-għazla t-tajba li tirrifletti t-twemmin tagħna. Il-ħsara li d-divorzju ġab f'pajjiżi oħrajn għadna nistgħu nevitawha billi naħdmu bis-sħiħ favur żwieġ dejjiemi u l-familja.

Fiċ-ċirkostanzi, jekk tqiegħed idejk fuq il-kuxjenza, ma hemmx triq oħra ħlief li tivvota "LE' GĦAD-DIVORZJU!

**Fr. Daniel Cardona,**
Arċipriet.

## IL-KITBIET L-OĦRAJN


| | |
|---|---|
| F'paġna 4: | Dun Joseph Mizzi |
| F'paġna 6: | Philip E. Said |
| F'paġna 7: | Fr. Brendan M. Gatt |
| F'paġna 10: | Joe Micallef |
| F'paġna 11: | Intervista ma. Mons. Anton Gouder |
| F'paġna 14: | Dun Anġ Seychell. |
| F'paġna 16: | "It-Tmien Beatitudnijiet tal-Miżżewġin" u "Familja Tabilħaqq Nisranija...." |


## ALLA fil-Qawl Malti

| | |
|---|---|
| IL-QAWL: | **Alla ma jħallasx kull (.... jew... bin-) nhar ta' Sibt.** |
| IT-TIFSIRA: | Alla jistenna qabel ma jikkastiga. |

# Insara ta' vera u kuraġġużi

**– DUN JOSEPH MIZZI,**
**Direttur "Moviment ta' Kana"**

Il-bniedem, hu min hu u hu fejn hu, min-natura tiegħu hu reliġjuż. Il-bniedem ma jistax jaħrab din ir-realtà sopranaturali miżrugħa ġo fih. Dan is-sens sopranaturali ssibu kullimkien, bħad-dawl tax-xemx li jdawwal kullimkien.

Għalina l-insara, Ġesù Kristu Huwa Dak li jissodisfa u jaqta' dan l-għatx spiritwali. Ġesù Huwa l-wiċċ uman ta' Alla l-Missier. Aħna għarafna li Hu, tassew, it-triq li twassalna għand il-Missier; il-verità li ma tingannaniex, anzi li ddawwal lil ħajjitna; u l-ħajja li tagħtina rifda u kuraġġ fil-mixi tagħna ta' kuljum.

Ir-rabta tagħna ma' Kristu, lilna l-insara tagħmilna differenti mil-bqija tan-nies l-oħrajn. Dan qiegħed ngħidu, mhux b'sens ta' superjorità, iżda għax in-nisrani jagħraf li aħna qegħdin ngħixu fiH il-ħin kollu; qegħdin ngħixu biH kullimkien u ngħixu miegħU f'kull waqt ta' ħajjitna.

**"Ninsabu quddiem sfida kulturali, intellettwali u spiritwali kbira li kontinwament tistaqsina: għaliex inħaddnu dak li nħaddnu u għaliex nemmnu dak li nemmnu? Din hija sfida li lin-nisrani ma tbeżżgħux, anzi timlieh bil-kuraġġ, għax jaf li jrid jagħti xhieda u jrid iwieġeb għaliha bil-valuri ispirati mit-tagħlim nisrani."**

Fi kliem ieħor, dan ifisser li aħna li tgħammidna fi Kristu, qisna bħal tlaqqamna fi Kristu, l-istess bħalma jlaqqmu s-siġar, hekk li issa l-ħsibijiet tagħna, il-kliem tagħna, l-għemil tagħna u d-deċiżjonijiet tagħna ser ikunu l-istess dawk ta' Kristu. In-nisrani awtentiku, li jrid ikun dixxiplu veru tal-Mulej, ma jistax jaġixxi, jgħix, jitkellem u jiddeċiedi differenti min kif jagħmel il-Mulej. Għalhekk, in-nisrani m'għandux moralità oħra ħlief dik ta' Kristu. Kif jista' jgħid li hu nisrani u dixxiplu ta' Ġesù f'ċerti postijiet, f'ċerti ħinijiet u f'ċerti waqtiet... u mbagħad f'waqtiet oħrajn, mhux?!... Kif jista' jgħid li hu nisrani, imbagħad jagħżel mill-Evanġelju xi jżomm u ma jżommx? Mela l-Evanġelju mhux kollu sħiħ irridu neħduh?

**"Stranament, xi wħud iżommu li d-divorzju huwa bħal soluzzjoni maġika, li se telimina l-problemi tal-miżżewġin. Id-divorzju, fl-ebda waqt u fl-ebda mument ma huwa xi soluzzjoni... ...Id-divorzju jmermer b'mod irreparabbli r-rabta taż-żwieġ. U min ser jidħol għal żwieġ bla rabta?"**

Dan id-diskors jgħodd ħafna għalina, issa li f'pajjiżna ninsabu fuq l-għatba tar-referendum tad-divorzju. Ninsabu quddiem sfida kulturali, intellettwali u spiritwali kbira li kontinwament tistaqsina: għaliex inħaddnu dak li nħaddnu u għaliex nemmnu dak li nemmnu? Din hija sfida li lin-nisrani ma tbeżżgħux, anzi timlieh bil-kuraġġ, għax jaf li jrid jagħti xhieda u jrid iwieġeb għaliha bil-valuri ispirati mit-tagħlim nisrani.

Fl-Evanġelju nsibu li Ġesù stess qalilna li "dak li jgħaqqad Alla m'għandux jifirdu l-bniedem"; għalhekk kif jista' n-nisrani jmur kontra dan l-amar tal-Mulej?!... Jekk in-nisrani, konxjament u liberament, jikser din il-kelma tal-Mulej, ikun qiegħed jitbiegħed mill-ħsieb ta' Alla u jkun qiegħed jikser ir-relazzjoni tiegħu ma' Alla.
Xi wħud minn fostna qegħdin isibu ruħhom bejn ħaltejn u f'diffikultà, hekk li qegħdin jgħidu:

- *"Jien kontra d-divorzju; iżda, minħabba l-qariba tiegħi, … din m'għandhiex ikollha ċans ieħor, f'ħajjitha?...";* *jew:*
- *"Jien, mhux għalija, tafx, għax jien ma naqbilx mad-divorzju, iżda għal dik it-talija ta' 28 sena li r-raġel kien jaqlibhielha, kien isawwatha u issa ħallieha b'żewġt itfal lampa u stampa".*

Jien nifhem u nħoss qalbi tingħafas quddiem it-tbatija u l-uġigħ ta' dawn il-membri tal-familja; iżda liema regola jew riċetta jew mistura ser issolvi l-problemi u l-uġigħ kollu tad-dinja? Meta nsibu din ir-riċetta jew mistura, għiduli ħalli nużawha. Dan qiegħed ngħidu, għax xejn fid-dinja mhu ser jelimina l-mard, l-uġigħ, l-inkwiet u t-tbatija kompletament u għalkollox minn fuq wiċċ din l-art. Hija domanda li kuljum irridu nħabbtu wiċċna magħha sakemm nibqgħu nieklu, nixorbu u nieħdu n-nifs. Li nafu hu li, ċerti affarijet li jidhru li huma soluzzjonijiet, mhuma soluzzjonijiet xejn, ...u dan qiegħed ngħidu wkoll bl-istatistika f'idejja.

*ikompli f'paġna 5*

***minn paġna 4***

Stranament, xi wħud iżommu li d-divorzju huwa bħal soluzzjoni maġika, li se telimina l-problemi tal-miżżewġin. Id-divorzju, fl-ebda waqt u fl-ebda mument ma huwa xi soluzzjoni. Id-divorzju mhuwa ta' ġid għal ħadd: la għall-koppja, la għat-tfal u lanqas għas-soċjetà. Id-divorzju huwa dejjem ta' ħsara, u dan mhux biex inbeżża' bil-babaw, imma għax idaħħal l-idea fil-moħħ tal-ġenerazzjonijiet futuri li ż-żwieġ mhux għal dejjem. Id-divorzju jmermer b'mod irreparabbli r-rabta taż-żwieġ. U min ser jidħol għal żwieġ bla rabta?

**"Ma jeżisti l-ebda divorzju responsabbli. Id-divorzju huwa l-istess kullimkien. Bid-divorzju, flok ma nfittxu l-interess u l-ġid komuni, jiġifieri, flok ma nfittxu l-interess u l-ġid tal-familja u tas-soċjetà, nibdew infittxu l-interessi personali tagħna, għax id-divorzju jdaħħal kultura individwalista u egoista, billi jeqred kull spirtu ta' komunjoni. Għalhekk, bir-ragun insejħulu r-rovina tal-familja Maltija."**

Inutli jgħidu li d-divorzju jidħol wara li jkun diġà tkisser iż-żwieġ. Mhu veru xejn! Bil-liġi tad-divorzju tinħoloq mentalità u kultura li twassal għal aktar tkissir. L-istatistika turi li bid-divorzju:

- **jonqos iż-żwieġ**, għax tinħoloq kultura ta' biża' miż-żwieġ;
- **tiżdied il-koabitazzjoni**. Infatti, l-Irlanda, li llum kulħadd qiegħed isemmiha, wara d-dħul tad-divorzju fl-1997, il-koabitazzjoni żdiedet b'400% ; u
- **jiżdied id-divorzju**. Minn studju li sar fl-Ewropa, instab li bid-dħul tan-*no-fault divorce*, id-divorzju jiżdied b'20%. Fl-Irlanda biss, għaxar snin wara d-dħul tad-divorzju, it-tifrik tal-familji żdied b'100%. Tant hu veru li, f'bosta pajjiżi, fosthom l-Istati Uniti u l-Kanada, l-ewwel żwieġ ifalli b'50%; it-tieni ż-żwieġ, meta suppost jafu iżjed, ifalli b'67%; u t-tielet żwieġ, meta suppost tgħallmuha l-lezzjoni, jfalli b'74%.

**"Inutli jgħidu li d-divorzju jidħol wara li jkun diġà tkisser iż-żwieġ. Mhu veru xejn! Bil-liġi tad-divorzju tinħoloq mentalità u kultura li twassal għal aktar tkissir."**

Ma jeżisti l-ebda divorzju responsabbli. Id-divorzju huwa l-istess kullimkien. Bid-divorzju, flok ma nfittxu l-interess u l-ġid komuni, jiġifieri, flok ma nfittxu l-interess u l-ġid tal-familja u tas-soċjetà, nibdew infittxu l-interessi personali tagħna, għax id-divorzju jdaħħal kultura individwalista u egoista, billi jeqred kull spirtu ta' komunjoni. Għalhekk, bir-ragun insejħulu r-rovina tal-familja Maltija.

Kif nistgħu nitkellmu minn divorzju responsabbli, meta d-domanda fir-referendum qiegħda:

- tagħti lok lill-individwu li, wara erba' snin isseparat, mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra, ikun jista' jitlob id-divorzju u jkun jista' jiżżewweġ oħra ċivilment. Min għandu s-setgħa jħoll dak li jgħaqqad Alla?!... Mela ż-żwieġ ivvintah l-Istat biex jiddeċiedi liema żwieġ jibqa' u liema le?!...
- tagħti l-opportunità lill-individwu li, wara erba' snin isseparat, minghajr spjega jew raġuni, jitlob id-divorzju. Dan hu proprju in-*no-fault divorce*. Dan hu l-istil ta' Las Vegas, xejn inqas u xejn iktar;
- tagħti ċ-ċans lill-individwu li, wara erba' snin isseparat, jekk finanzjarjament ikun *sta bene* u jkun jista' jmantni lil uliedu, jkun jista' jerġa' jiżżewweġ u jerġa' jiżżewweġ u jerġa' jiżżewweġ, bla limiti ta' xejn. Dan hu l-veru każ ta' "min għandu l-flus jagħmel li jrid".

**Nisrani veru mhux ser iħalli domanda qarrieqa tingannah. Nisrani veru u kuraġġuż mhux ser jibża' jkun differenti minn ħsibijet ta' oħrajn, anke jekk jiddieħku bih, għax jaf li anki jekk ikun waħdu quddiem id-dinja, ma jkunx waħdu quddiem Alla. Nisrani veru jaf li huwa aktar meħtieġ li nogħġbu lil Alla milli lill-bnedmin. Dan ifisser li jaqbel ħafna aktar li naħdmu għat-tisħiħ tal-familja, għax konvinti li, familja b'saħħitha, hija ta' ġid għall-membri tal-familja u għas-soċjetà kollha kemm hi!**



***"Il-bniedem, hu min hu u hu fejn hu, min-natura tiegħu hu reliġjuż. Il-bniedem ma jistax jaħrab din ir-realtà sopranaturali miżrugħa ġo fih."***

# Id-Divorzju huwa Rimedju?

**– Kitba ta' PHILIP E. SAID**

Nibda bil-ħsieb ta' Lori Gordon, konferenziera magħrufa dwar ir-Relazzjonijiet fiż-Żwieġ: *L-imħabba sentiment, iż-żwieġ kuntratt, ir-relazzjoni xogħol.* Ħsieb li jiġbor iż-żewġ elementi fundamentali taż-żwieġ: l-ewwel, iż-żwieġ bħala esperjenza personali, iżda wkoll soċjali, għax biż-żwieġ jinbidel l-istatus ċivili; it-tieni, ir-relazzjoni fiż-żwieġ trid taħdem għaliha kuljum.

Kieku kelli nistaqsi: "Kulħadd irid li jkollna żwieġ hieni?" it-tweġiba bla dubju kienet tkun "iva". Għall-mistoqsija supplimentari, "Kulħadd jaqbel mal-**mod** kif ikollna żwieġ b'saħħtu?", it-tweġiba kienet tkun "le", għallinqas għal xi wħud. Ma' dawn tal-aħħar, hemm dawk li qegħdin jipproponu l-introduzzjoni tal-liġi tad-divorzju bħala dritt ċivili u rimedju għal żwieġ li ma jirnexxix. Ma naqbilx mal-pożizzjoni ta' dawn, għal tliet raġunijiet: legali, soċjali u reliġjuża.

**"Liġi ta' divorzju tbiddel id-definizzjoni taż-żwieġ. Il-leġislaturi Maltin dejjem fehmu li ż-żwieġ hu għotja totali ta' persuni, aktar minn sempliċiment kuntratt normali, u għalhekk jitlob stabbiltà u permanenza."**

**Raġuni Legali:**

**Il-Liġi Ċivili Maltija (Kap.16)** tgħid hekk:
*Il-Lġii tippromwovi l-unità u l-istabbiltà tal-familja* (Art. 2.1).
Il-miżżewġin għandhom jiggarantixxu lil xulxin *il-fedeltà u sapport morali u materjali* (Art. 2.2).

**L-Att taż-żwieġ (Kap. 255):**
*Żwieġ li jsir bejn persuni li waħda minnhom tkun marbuta bi żwieġ ieħor li sar qabel, ikun null* (Art. 6)

L-istess Att jirrikonoxxi l-effetti ċivili ta' żwieġ kattoliku, iċċelebrat skont in-normi u l-formalitajiet tal-liġi kanonika, daqslikieku kien iċċelebrat skont in-normi u l-formalitajiet tal-Att taż-Żwieġ. (Art. 21. 1).

Huwa ċar li l-Liġi fl-ebda ħin ma tikkontempla provdiment ta' divorzju.
Id-divorzju ma joħroġx bħala effett ċivili taż-żwieġ.



***Kieku kelli nistaqsi: "Kulħadd irid li jkollna żwieġ hieni?" it-tweġiba bla dubju kienet tkun "iva".***

**"....il-"Loġika ta' Alla, il-Loġika ta' Kristu" (fuq iż-żwieġ) mhix loġika sekulari jew ċivili, iżda lanqas mhi loġika kontra r-raġuni għax hija mibnija fuq il-Liġi Naturali. Għalhekk tapplika għal kulħadd, ukoll għal min ma jagħżilx żwieġ nisrani."**

Waqt li l-Liġi ttendi lejn l-unità u l-indissolubbiltà taż-żwieġ, id-divorzju jtendi lejn ix-xoljiment u mhux lejn it-tisħiħ taż-żwieġ. Liġi ta' divorzju tbiddel id-definizzjoni taż-żwieġ. Il-leġislaturi Maltin dejjem fehmu li ż-żwieġ hu għotja totali ta' persuni, aktar minn sempliċiment kuntratt normali, u għalhekk jitlob stabbiltà u permanenza.

**Raġuni Soċjali:**

Quddiem il-possibbiltà ta' liġi tad-divorzu, irridu nistaqsu: "Is-soċjetà se tmur għall-aħjar jew għall-agħar?..." Din il-mistoqsija għadha mhijiex riċerkata fil-kuntest lokali, iżda nistgħu niggwidaw ruħna minn studji barranin. Fost l-oħrajn, ir-riċerka (eż. fl-Italja, l-Awstralja, l-Ingilterra, l-Amerika) turi li, flimkien mal-liġi tad-divorzju: (a) ir-rata taż-żwiġijiet naqset b'5.4% kull 1000 persuna matul iż-żmien; u (b) minħabba dan it-tnaqqis, żdiedet il-koabitazzjoni.

*ikompli f'paġna 7*

*minn paġna 6*

Is-sens ta' solidarjetà li jiddistingwi l-familja Maltija jista' jiddgħajjef meta jinfirex fuq aktar minn familja waħda. Hemm imbagħad raġunijiet ekonomiċi: żieda fl-inċidenza tal-faqar għall-parti vulnerabbli, it-telf ta' inċentivi finanzjarji għall-familja bħala *household*, dħul finanzjarju ma jkunx biżżejjed għal aktar minn familja waħda, spejjeż ta' servizzi legali.... Dawn l-effetti finanzjarji u ekonomiċi joħolqu piż mhux sostenibbli fuq is-sistema tal-*welfare* soċjali.

**Raġunijiet Reliġjużi**

Dawn huma mibnijin fuq mudell ta' żwieġ kif iridu Alla, kif ipperfezzjonah Ġesù, u kif jidher fit-tagħlim tal-Knisja Kattolika. Nieħdu xi eżempji:

*B'rabta fidila jien ngħarrsek miegħi* (Hosea 2: 21-24).
... *Mela dak li għaqqad Alla ma għandux jifirdu l-bniedem* (Mattew 19: 3-9).

*L-għaqda tal-miżżewġin bejniethom ma tinħall qatt, u huma jingħataw lil xulxin bil-fedelà' kollha* (Familiaris Consortio).

... Il-patt taż-żwieġ *hu essenzjalment ikkwalifikat bl-elementi tal-unità u l-indissolubbiltà* (Can. 1056).

Din il-"Loġika ta' Alla, il-Loġika ta' Kristu" mhix loġika sekulari jew ċivili, iżda lanqas mhi loġika kontra r-raġuni għax hi mibnija fuq il-Liġi Naturali. Għalhekk tapplika għal kulħadd, ukoll għal min ma jagħżilx żwieġ nisrani.

F'dawn ir-raġunijiet, fost konsiderazzjonijiet oħrajn, ma nsib l-ebda indikazzjoni favur liġi ta' divorzju bħala rimedju għad-diffikultajiet li jinqalgħu fiż-żwieġ. U, li titkellem fuq "divorzju responsabbli", hija kontradizzjoni fit-termini!.

# FTIT DISKORS BLA TLAQLIQ FUQ ID-DIVORZJU

**Dun Brendan M. Gatt**

Matul dawn l-aħħar xhur, ma ngħidilkomx kemm żort parroċċi u gruppi sabiex nispjega, bl-aħjar mod li naf, il-pożizzjoni tal-Knisja fuq id-divorzju. Suġġett delikat, mhemmx xi ngħidu: dawn mhumiex ideat fl-ajru, imma xi ħaġa li tmiss il-ħajjiet ta' bosta nies ta' veru. Kull meta l-Knisja tipprova ssemma' l-pożizzjoni tagħha dwar dan is-suġġett, tissogra li minn banda jakkużawha li mhix sensittiva (jiġifieri li ma tħossx



għal u ma' dawk li qegħdin ibatu); mill-banda l-oħra, żgur ikun hemm ukoll dawk li jattakkaw lill-Knisja u jsejħulha fundamentalista għax timponi viżjoni reliġjuża fuq soċjetà sekulari. Bosta fostna – anki fost ir-rgħajja tal-Knisja – għamlu mill-aħjar biex jevitaw dawn iż-żewġ estremi, u allura sfaw akkużati li ma tkellmux ċar biżżejjed, jew li ma tawx direzzjoni lill-poplu t'Alla. Insomma, veru każ ta' "ma tirbaħ qatt!"

Għaldaqstant ħsibt li nniżżel dawn il-ftit ħsibijiet tiegħi, b'diskors ċar u bla tlaqliq. Iżda nitlobkom ma taħsbux li jien insensittiv għas-sitwazzjoni ta' dawk li qegħdin ibatu minħabba li ż-żwieġ tagħhom tfarrak: il-Mulej biss jaf kemm niltaqa' ma' nies bħal dawn, u kemm qalbi tingħafas għalihom. Nixtieq li kelli xi soluzzjoni maġika biex ngħinhom, imma soluzzjonijiet maġiċi jew faċli ma jeżistux. Aħna ngħixu f'dinja reali, fejn ir-relazzjonijiet spiss ikunu diffiċli u ta' wġigħ, u fejn id-deċiżjonijiet li nieħdu llum, żgur mhux forsi, iħallu effett fuq il-ġenerazzjonijiet ta' għada.

Mela, jekk tridu risposta ċara u bla tlaqliq għaliex il-Knisja hija kontra d-divorzju, hija din: **il-Knisja hija kontra d-divorzju għax Alla huwa kontra d-divorzju**. Fil-ktieb tal-profeta Malakija (kap 2, vers 16) insibu dal-kliem: "'Għax jiena d-divorzju nobogħdu', jgħid il-Mulej, Alla ta' Iżrael". U

"**....il-Knisja hija kontra d-divorzju għax Alla huwa kontra d-divorzju**. Fil-ktieb tal-profeta Malakija (kap 2, vers 16) insibu dal-kliem: "'Għax jiena d-divorzju nobogħdu', jgħid il-Mulej, Alla ta' Iżrael". U Ġesù wkoll, fi żmienU, ħadha kontra l-permessi li kienu daħlu fil-liġi ta' Mosè, u qal: "Kien minħabba l-ebusija ta' qalbkom li Mosè takom il-permess tibagħtu n-nisa tagħkom. Iżda ma kienx hekk mill-bidu". (Mattew 19,8)"

*ikompli f'paġna 8*

***minn paġna 7*** Ġesù wkoll, fi żmienU, ħadha kontra l-permessi li kienu daħlu fil-liġi ta' Mosè, u qal: "Kien minħabba l-ebusija ta' qalbkom li Mosè takom il-permess tibagħtu n-nisa tagħkom. Iżda ma kienx hekk mill-bidu" (Mattew 19,8). Naf ċert li risposta bħal din ma tissodisfax lil ħafna persuni: min mhux reliġjuż, jiġi jaqa' u jqum x'suppost qal Alla (u Ġesù), u anki bosta Nsara jkunu jridu iktar informazzjoni (imqar sabiex jagħrfu jwieġbu lil min imerihom). Forsi, fi żmenijiet oħrajn, kien ikun hemm min jikkuntenta ruħu b'din it-tweġiba (u ħalli għalina biex ngħidulhom li kienu jibilgħu kulma tgħid il-Knisja, għax kienu sempliċi u bla edukazzjoni!). Jien iżda naħseb li kienu jafu jagħtu l-ewwel post lir-rieda t'Alla f'ħajjithom, u kienu jipprovaw ifasslu d-deċiżjonijiet tagħhom skont il-Kelma tiegħU.

Imma aħna forsi ngħixu f'dinja iktar ikkumplikata, għandna iktar edukazzjoni, u lanqas tant għadna nafdaw lil dawk li jippretendu li jitkellmu f'isem Alla; u allura ppermettuli nispjega ftit. ….Alla (u Ġesù u, allura, anki l-Knisja) mhuwiex kontra d-divorzju sempliċiment għall-gost. Meta Alla qal: "Jiena d-divorzju nobogħdu", ma kienx qiegħed jgħid hekk, b'kapriċċ. Din mhix kwistjoni ta' gosti (bħalma jien, minħabba l-gosti, ma nħobbx il-bebbux u l-faqqiegħ!), imma kwistjoni ta' prinċipju: meta Alla ħalaq il-bniedem Huwa ried li r-rabta taż-żwieġ bejn ir-raġel u l-mara tkun għal dejjem, proprju għax hija xbieha tal-imħabba tiegħU għall-bnedmin. U l-istess jgħodd għal Ġesù: meta Huwa qal: "dak li għaqqad Alla ma għandux jifirdu l-bniedem" (Mt 19,6), kellU raġuni valida. Ma ħadhiex kontra d-divorzju sempliċiment biex b'xi mod jagħżel lill-Insara minn ħaddieħor, imma għax ra li d-divorzju jgħawweġ il-pjan ta' MissierU għall-bnedmin u għaż-żwieġ.



"….Meta Alla ħalaq il-bniedem Huwa ried li r-rabta taż-żwieġ bejn ir-raġel u l-mara tkun għal dejjem, proprju għax hija xbieha tal-imħabba tiegħU għall-bnedmin. …U, għalhekk, Ġesù ma ħadhiex kontra d-divorzju sempliċiment biex b'xi mod jagħżel lill-Insara minn ħaddieħor, imma għax ra li d-divorzju jgħawweġ il-pjan ta' MissierU għall-bnedmin u għaż-żwieġ."

Kultant ikun hemm min iħawwad il-kwistjoni, anki Nsara li jitkellmu kontra d-divorzju, għax jgħidu li d-divorzju huwa ħażin għax Ġesù ma ridux. Pjuttost bil-maqlub: **Ġesù huwa kontra d-divorzju għax id-divorzju huwa ħażin**. Kien ħażin minn dejjem! Mhux, pereżempju, bħall-alkoħol li huwa *OK* sakemm tieħdu bil-qies imma ħażin jekk tesaġera. Id-divorzju ħażin, *fullstop*; u kien għalhekk li Ġesù ħadha kontrih.

" ….Id-divorzju huwa ħażin, mhux għax Ġesù ma ridux. Pjuttost bil-maqlub: **Ġesù huwa kontra d-divorzju għax id-divorzju huwa ħażin**. Kien ħażin minn dejjem!"

U hawnekk jibdew iqumu l-oġġezzjonijiet. Dawk li huma favur id-divorzju, jgħidu: "*ħadd mhu qiegħed iġiegħel lill-Kattoliċi jaċċettaw id-divorzju. Imma Malta mhix il-Vatikan, u f'Malta hawn min mhux Kattoliku. Għaldaqstant, il-Kattoliċi m'għandhomx iċaħħdu lil ħaddieħor minn dan id-'dritt'.*" Anki xi Kattoliċi jirraġunaw b'mod simili, u jgħidu: "*Jien miżżewweġ u kuntent, għall-grazzja t'Alla, u lanqas jgħaddili minn moħħi li niddivorzja. Imma naf nies li, li kieku jidħol id-divorzju, ikun ta' għajnuna għalihom. Min jien, jien, biex inċaħħadulhom?*"

L-ewwel u qabel kollox, tajjeb niftakru li jekk diġà mill-ħolqien Alla ried li ż-żwieġ ikun permanenti, mela Huwa ried li ż-żwiġijiet **kollha** jkunu permanenti, mhux dawk tal-Insara biss. Fil-ħolqien, ma kienx hemm Insara (Kattoliċi u mhumiex), Lhud jew Musulmani; kien hemm biss bnedmin! Iż-żwieġ minnu nnifsu – diġà fil-forma naturali tiegħu, jiġifieri – għandu jkun għal dejjem, mhux biss meta jkun Sagrament. Bħalma qalilna l-Papa Benedittu, mal-wasla tiegħu f'Malta, fis-17 ta' April 2010: **Malta "għandha tibqa' tappoġġja l-indissolubbiltà taż-żwieġ, bħala istituzzjoni kemm naturali u kemm sagramentali, u n-natura vera tal-familja."** Dan l-argument ma jgħoddx biss fuq livell reliġjuż: hemm liġi naturali li turi li ż-żwieġ jagħmel sens biss jekk ikun stabbli u permanenti. Wara kollox, anki min jiżżewweġ biċ-ċivil iwiegħed li jieħu lis-sieħeb/sieħba tiegħu "tul ħajti kollha."

***ikompli f'paġna 9***

*ikompli minn paġna 8*

Iżda jekk hawn min iħossu komdu jwarrab dawn il-punti, nistgħu nfakkruh li hemm punti oħrajn (sostnuti anki mill-istatistika): jekk id-divorzju jidħol f'Malta se jaffettwa lil kulħadd, mhux lil min ivvotalu biss, bl-istess mod li, jekk ikun hemm ambjent imniġġes, se jagħmel ħsara lil kulħadd, mhux lil min iniġġes biss. L-Insara mhux se jkunu mlibbsin b'xi tarka (jew b'xi bozza) li teħlishom mill-effetti negattivi tad-divorzju. Meta l-ġenituri jagħżlu skola għal uliedhom, ma jistgħux jitolbu lill-kap tal-iskola biex iħares lil uliedhom minn ħbieb, għalliema jew ideat favur id-divorzju. U meta wliedek jibdew jinnamraw, se tagħmel eżami jew intervista lin-namrat/a biex tara x'jaħsbu fuq id-divorzju?

Forsi tgħiduli li uliedna diġà qegħdin jitħalltu ma' tfal u żgħażagħ b'ideat differenti; u jkollkom raġun biex tbiegħu. Iżda hemm differenza essenzjali: bħalissa, aħna naraw it-tifrik tal-familji bħala possibiltà traġika, xi ħaġa li tiġri imma li ħadd ma jixtieqha. Imma jekk jidħol id-divorzju, din ma tibqax possibbiltà traġika, imma ssir *option* aċċettabbli. L-istat indirettament ikun qiegħed jiffaċilita t-tifrik tal-familja, għax, dak li huwa legali, bil-mod il-mod isir aċċettabbli. L-effetti ta' dan, huma serji. Wara ftit żmien, il-possibbiltà li wieħed iġib id-divorzju tidħol fil-mentalità tan-nies u, ftit ftit, ma jibqgħux jirraġunaw fuq żwieġ "sal-mewt", imma "sakemm....." (pereżempju... "sakemm jinqala' l-inkwiet"). Dan hu dak li jfissru l-awturi (mhux reliġjużi biss) meta jitkellmu dwar il-mentalità divorzista. Fejn daħal id-divorzju, ġenerazzjoni wara l-oħra tibda' tiddgħajjef, fis-sens ta' impenn li huwa meħtieġ għaż-żwieġ. Bħalma qalilna Mons. Arċisqof, f'artiklu s-sena l-oħra, kull diffikultà jew problema li titfaċċa fiż-żwieġ issir mument fejn il-miżżewġin jaraw jekk iridux iġeddu l-kunsens tagħhom u jibqgħu flimkien, minflok jeħduhom bħala opportunità sabiex jikbru u jtejbu s-sitwazzjoni ta' bejniethom.

"Meta nisma' lil min jitkellem fuq id-divorzju qisu xi kura jew soluzzjoni għall-problemi soċjali li hawn madwarna (u jinsew kemm iġib problemi ikbar), niftakar fil-prinċipju morali antik, li nsibuh anki fil-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika (par. 1756): **"Qatt ma hu permess tagħmel dak li hu ħażin, biex minnu joħroġ it-tajjeb.""**

Din hija wkoll ir-raġuni għaliex kull fejn daħal id-divorzju żdiedu r-rati ta' koabitazzjoni u żjieda fit-tfal li jitwieldu barra ż-żwieġ. Jekk il-bnedmin ma jibdewx jaraw iż-żwieġ bħala "sal-mewt", imma "sa ma tinqala' xi problema", allura ħafna jibdew jirraġunaw li, lanqas ħaqq il-kedda (spejjeż u problemi) li tiżżewweġ. Biex nintrabtu u mbagħad ninħallu meta rridu, naqbdu u mmorru ngħixu flimkien: u, jekk jinqala' l-inkwiet, flok spejjeż ta' avukati, qrati u tribunali, kulħadd idabbar rasu.

Dawn huma biss ftit mir-raġunijiet "naturali" għaliex il-Knisja topponi d-divorzju, lil hinn mir-raġunijiet purament "reliġjużi" li rajna iktar kmieni. Ma semmejtx it-tbatija tat-tfal f'dawn iċ-ċirkostanzi; ma semmejtx li, f'ħafna każi, fid-divorzju jmorru minn taħt il-partijiet l-iktar dgħajfin, li spiss ikunu innoċenti u li, minn fuq, jispiċċaw abbandunati; ma tkellimtx dwar il-konsegwenzi ekonomiċi li l-ħafna divorzji, iż-żjieda fil-koabitazzjonijiet u fit-trabi li jitwieldu barra ż-żwieġ iġibu magħhom (u li jitħallsu mit-taxxi tagħna). Tkellimt biss dwar kif id-divorzju jattakka l-kunċett stess ta' żwieġ.

Ovvjament l-Insara huma ħielsa li jiddeċiedu għalihom infushom (wara li jkunu żguraw li l-kuxjenza tagħhom hija mdawla mir-rieda t'Alla). Żgur li, huma u jieħdu dawn id-deċiżjonijiet, mhumiex se jinsew lil dawk kollha li f'Malta llum raw it-tifrik taż-żwieġ tagħhom. Iżda l-anqas jistgħu jinjoraw lil tant u tant Maltin tal-lum u tal-ġejjieni li – fuq deċiżjoni tagħna – jirriskjaw li jixxellef u jitnaqqrilhom għal dejjem il-kunċett stess ta' żwieġ. Meta nisma' lil min jitkellem fuq id-divorzju qisu xi kura jew soluzzjoni għall-problemi soċjali li hawn madwarna (u jinsew kemm iġib problemi ikbar), niftakar fil-prinċipju morali antik, li nsibuh anki fil-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika (par. 1756): **"Qatt ma hu permess tagħmel dak li hu ħażin, biex minnu joħroġ it-tajjeb."**

BC ELECTRICS Co. Ltd.
ELECTRICAL & PLUMBING WORKS, IT COMPUTER CABLING
Bernard Gatt
Angelo Melilli Street, Żebbuġ ZBG 06, Malta
Tel/Fax: 2146 2009, Mob: 7949 0392
email: bcelec@waldonet.net.mt

# FAMILJA DEJJIEMA: IL-PERN TAS-SOĊJETÀ MALTIJA

**– jikteb JOE MICALLEF**

Qegħdin lejlet deċiżjoni importanti ħafna għall-ġejjieni tal-familja u tas-Soċjetà Maltija. Xi ilħna qegħdin itanbrulna li f'Malta għandna ndaħħlu d-divorzju, sabiex min iż-żwieġ tiegħu sfaxxa, ikollu ċans jibda ħajja ġdida. Argument mibni fuq il-kumpassjoni u mhux fuq il-logika u l-fatti kif ġraw fil-pajjiżi kollha li daħħlu d-divorzju. Ġeneralment, din hija l-lixka li jippreżentaw dawk li huma favur id-divorzju – l-argument tal-ħniena u l-mogħdrija meta żwieg ifalli, imma jaħbu għalkollox il-problemi u l-weġġħat tal-qalb li din is-"soluzzjoni" ġġib. Fuq kollox, imbagħad, għal min jipprofessa li hu **Nisrani bil-fatti**, id-divorzju huwa xi ħaġa opposta għall-pjan t'Alla l-Imbierek, għax Ġesù stess isostni, li: *"Dak li għaqqad Alla m'għandux jifirdu l-bniedem" (Mt.19,6).*

> "....Żwieġ dejjiemi mhuwiex biss xi ħaġa li jrid Alla, imma huwa wkoll skont il-**ligi naturali**, jiġifieri dik il-ligi li hija minquxa f'qalb kull bniedem. Mela, anki bejn tnejn li ma jemmnux, iż-żwieġ ukoll huwa dejjiemi!"

Min hu favur id-divorzju jsostni li huwa favur il-familja, u li huwa dritt ċivili li wieħed/waħda jiddivorzja/tiddivorzja u jerġa'/terġa' jiżżewweġ/tiżżewweġ. F'ebda konvenzjoni internazzjonali mhu msemmi d-dritt tad-divorzju. Dawk favur id-divorzju jsostnu li, fi stat sekulari, l-Istat għandu jilleġisla għal kulħadd u mhux għall-Kattoliċi biss; igħidu wkoll li kliem Kristu japplika **biss** għal min irid jimxi fuq il-Ligi tiegħU. Dawn huma argumenti żbaljati, għax żwieġ dejjiemi mhuwiex biss xi ħaġa li jrid Alla, imma huwa wkoll skont il-**ligi naturali**, jiġifieri dik il-ligi li hija minquxa f'qalb kull bniedem. Mela, anki bejn tnejn li ma jemmnux, iż-żwieġ ukoll huwa dejjiemi!

Jinġieb ukoll l-argument li d-divorzju jaffettwa biss lil min iż-żwieġ tiegħu tkissirlu u, għaldaqstant, m'għandniex nibżgħu li se jaffettwa ż-żwiġijiet stabbli. Imma l-esperjenza ta' pajjiżi oħrajn u l-istatistiċi juru li dan mhux veru. Id-divorzju jnissel mentalità divorzista, jiġifieri dik il-linja ta' ħsieb li ż-żwieġ mhuwiex dejjiemi; u, għalhekk, meta jiġi l-maltemp, id-divorzju jista' jkun mezz kif il-miżżewġin joħorġu (mingħalihom!) mill-inkwiet fil-ħajja matrimonjali tagħhom. Dak li jidher loġiku li għandu jiġri bid-dħul tad-divorzju – jiġifieri li tonqos il-koabitazzjoni, jiżdied iż-żwieġ u jonqsu t-twelidijiet barra ż-żwieġ –, fil-fatt ma jseħħx. Fil-ktieb tagħha *Lifetime Marriage and Divorce Trends*, *AUSTRALIAN BUREAU OF STATISTICS*, *Australian Social Trends* (2007), Susan Linacre tgħid li, minkejja li, fl-Awstralja, in-*no-fault divorce* (divorzju li jittieħed għal ebda raġuni serja) ilu fis-seħħ sa mill-1975, f'medda ta' għaxar snin (1996-2006) l-irġiel li jikkoabitaw żdiedu minn 58% għal 75%, u n-nisa li jikkoabitaw żdiedu minn 46% għal 65%. Fl-Irlanda – il-pajjiż li webbluna li għandna nikkupjaw fil-leġislazzjoni divorzista – skont iċ-ċensiment 2006, hemm 210,000 koppja koabitanti, minkejja li d-divorzju daħal fl-1997. Din il-figura turi żjieda ta' 56% fl-aħħar erba' snin.



***"....Id-divorzju jnissel mentalità divorzista, ....li toħloq problemi u weġġħat fit-tfal..."***

U xi nghidu għall-problemi u l-weġġħat li d-divorzju joħloq fit-tfal? Meta kien Malta, fil-

*ikompli f'paġna 11*

*ikompli minn paġna 10*

15 ta' Mejju 2010, Paul Coleridge, Imħallef tal-Familja fl-Ingilterra, sostna:

*"Ma ngħidx li kull familja mfarrka joħorgu minnha tfal bil-problemi; imma nsostni li kull tifel/tifla bi problema hija l-prodott ta' familja mkissra"*

Ma nkunux fatalisti u ngħidu li m'hemmx x'tagħmel, għax id-divorzju jidħol, illum jew għada. Jidħol f'pajjizna, jekk irriduh aħna! G.K. Chesterton, kittieb famuż Ingliz isostni, li: *"Il-ħażin jikber billi t-tajjeb jibqa' sieket"*.

**Wasal il-mument li niddeċiedu jekk il-valur ta' familja dejjiema jibqax ikun il-pern tas-socjetà Maltija! U l-indifferenza żgur li ma tgħinx biex din il-leġislazzjoni divorzista ma tasalx f'pajjiżna! Marija Ommna tgħinna nieħdu d-deċiżjoni t-tajba, skont il-Qalb t'Alla. Illum għadHa tgħidilna: *"Agħmlu dak li jgħidilkom Hu!"* (Ġw.2,5).**


# TWANNY SPITERI
## FUNERALI

4, "Shalom", Triq il-Watar,
Ħal Mula,
Ħaż-Żebbuġ.




**Karozza (*hearse*) BLA ĦLAS**
**24 hours services**
**DAY & NIGHT**

Tel: 21460950
Office: 21465122 - 21472219
Mob: 99471168


# INTERVISTA mal-Pro Vigarju Ġenerali, Mons. ANTON GOUDER

**Fil-15 ta' Mejju tas-sena l-għaddiet (2010), *The Today Public Policy Institute* ppubblika rapport, bl-isem: *For Worse, For Better*, li ppropona lill-Gvern Malti biex idaħħal f'pajjiżna l-liġi tad-divorzju. Għaliex il-Knisja ma taqbilx ma' dan?**

Id-divorzju jfisser li tqis l-ewwel żwieg qisu qatt ma kien, tidħol f'relazzjoni oħra u tistenna li l-Istat japprova dan. Mela l-Knisja għandha aktar minn raġuni waħda għaliex ma taqbilx mad-divorzju. L-ewwel, għax hu kontra l-istruttura tal-familja li għamel Alla fil-bidu tal-ħolqien u dak li pperfezzjona Ġesù Kristu. It-tieni, għax fih innifsu huwa nuqqas ta' verità li tippretendi li qisu l-ewwel żwieġ qatt ma sar. It-tielet, għax huwa ta' ħsara għall-ġid komuni.

**F'rapport ieħor, il-Proġett Impenn tal-Arċidjoċesi Maltija, maħruġ xahrejn wara, fis-17 ta' Lulju 2010, jgħid li, numru ta' studji u riċerki, juru li d-divorzju ma joffrix soluzzjoni għax, f'bosta każi, id-divorzju aktar ġab is-sitwazzjoni għall-agħar. Tista' tispjega aktar?**

Dawk li huma favur id-divorzju jsemmu żewġ raġunijiet: tonqos il-koabitazzjoni u jonqsu t-tfal barra ż-żwieġ. Fil-fatt, dan ma ġara fl-ebda pajjiż tad-dinja. Kull fejn daħal id-divorzju, naqsu ż-żwiġijiet (meta suppost żdiedu), żdiedet il-koabitazzjoni (meta suppost naqset) u naturalment żdiedu l-ulied barra ż-żwieġ. Allura, id-divorzju mhux biss ma solviex problemi, imma ggravahom.

**"Kull fejn daħal id-divorzju, naqsu ż-żwiġijiet (meta suppost żdiedu), żdiedet il-koabitazzjoni (meta suppost naqset) u naturalment żdiedu l-ulied barra ż-żwieġ. Allura, id-divorzju mhux biss ma solviex problemi, imma ggravahom."**

**L-argument tal-Knisja kontra d-divorzju jidher li hu bbażat fuq żewġ argumenti: argument "reliġjuż" (għax mhux skont ir-rieda ta' Alla) u l-argument "uman" (għax id-divorzju aktar joħloq problemi milli jsolvi). Allura, mhuwiex possibbli li nsolvu l-problemi ta' xi wħud bla ma nirriskjaw li noħolqu oħrajn?**

Il-liġijiet tal-pajjiż għandhom ikunu mmirati biex joħolqu l-ġid komuni u mhux biex jaqdu xi kategorija b'dannu tas-soċjetà. Bla dubju, id-divorzju jista' jidher li qiegħed isolvi l-problema ta' min jixtieq jerġa' jiżżewweġ, imma fil-fatt ikun qiegħed jagħmel ħsara lil nies oħrajn. Pereżempju, riċerki juru li l-leġislazzjoni tad-divorzju hija l-kaġun ta' żieda ta' 20 fil-mija fit-tkissir taż-żwiġijiet.

*ikompli f'paġna 12*

*ikompli minn paġna 11*

**Min hu favur id-divorzju spiss jgħid li, min hu Nisrani, m'għandux dritt iċaħħad lil min mhuwiex Nisrani minn dan id-dritt.**

L-ewwelnett, id-divorzju huwa "dritt"?... It-tieni, veru li, min hu kontra d-divorzju, mhux qiegħed jagħti każ il-bzonnijiet ta' dawk li ma jemmnux?...

Iż-żwieġ u li tibni familja huwa dritt fundamental tal-bniedem. Li tabbanduna ż-żwieġ u l-familja biex tidħol f'oħra, mhux dritt. Saret anki kawża kontra l-Irlanda, fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u ġie stabbilit li d-divorzju mhuwiex dritt fundamentali. In-nisrani ma jċaħħad xejn u lil ħadd. In-nisrani għandu d-dmir li jxandar dak li jemmen, kemm mill-aspett reliġjuż kif ukoll ċivili.

**Hawn xi wħud li jagħżlu mit-tagħlim ta' Ġesù u jaqblu ma' xi parti u ma jaqblux ma' oħrajn. Naturalment, ikun baqgħalhom jinżlu aktar fil-fond tal-fidi tagħhom. It-tagħlim tal-Evanġelju mhux menù li nagħżlu minnu.**

**Inti taf, u dan ħareġ ukoll mill-aħħar *survey* li sar fost l-istudenti Universitarji, li ħafna jgħidu li jemmnu fi Kristu, imma fl-istess ħin jaqblu mad-divorzju. Huwa possibbli tkun Nisrani, imma fl-istess ħin tkun favur id-divorzju?**

Skont x'jiġifieri temmen fi Kristu. Hawn xi wħud li jagħżlu mit-tagħlim ta' Ġesù u jaqblu ma' xi parti u ma jaqblux ma' oħrajn. Naturalment, ikun baqgħalhom jinżlu aktar fil-fond tal-fidi tagħhom. It-tagħlim tal-Evanġelju mhux menù li nagħżlu minnu.

**Min hu kontra d-divorzju ħafna drabi jgħid li l-problema taż-żwiġijiet f'Malta mhijiex daqshekk kbira daqskemm ipinġuha; għalhekk għad m'hemmx lok li jidħol id-divorzju. Allura, dan ifisser li, jekk ikun hawn aktar żwiġijiet imfarrkin, ikun hemm bżonn tad-divorzju, f'Malta?**

**"S'issa, aħna, mhux bravi konna. S'issa aħna konna mberkin, għax għexna l-Fidi Kattolika minn ġenerazzjoni għall-oħra u bżajna għall-familji tagħna bħala familji magħqudin. Issa aħna msejħin biex inkunu bravi, għax min hu bravu jitgħallem mill-iżbalji ta' ħaddieħor...."**

Is-sitwazzjoni taż-żwiġijiet, f'pajjiżna, ma tiddependix minn min hu favur jew kontra d-divorzju. Suppost li hi statistika awtonoma li, fil-każ ta' Malta, jagħtihielna l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika. Imbagħad tista' ssir riflessjoni fuq l-istatistika. Jekk, kif diġà għedt, studji juru li d-divorzju jżid it-tkissir taż-żwiġijiet, ma nistax nifhem b'liema loġika xi ħadd jista' jgħid li d-divorzju hu strateġija kontra t-tkissir taż-żwiġijiet.

**Il-Knisja spiss tidher "dejjem kontra": kontra l-abort, kontra l-kontraċettivi, kontra s-sess qabel iż-żwieġ, u kontra d-divorzju. Minflok inkunu *kontra* d-divorzju, mhux aħjar naħdmu *favur* xi ħaġa?**

Inti semmejt azzjonijiet negattivi, u l-Knisja hija *kontra* azzjonijiet negattivi. Allura, il-Knisja hija *favur* azzjonijiet pożittivi. Il-Knisja hija favur il-ħajja, favur l-imħabba, favur il-fedeltà, favur iż-żwieġ, eċċ...; u l-Knisja taħdem favur dawn. Ma rridux inkunu boloh. Waqt li għandna nedukaw u nxandru l-pożittiv, m'għandniex naħbu l-konsegwenzi negattivi. U dan mhux il-Knisja biss tagħmlu. Pereżempju, fl-edukazzjoni kontra t-tipjip, jgħidulna kemm imutu nies bil-kanċer; fl-edukazzjoni għall-ambjent, jgħidulna bil-konsegwenzi jekk ma nagħtux kas.

**Għal min huwa Nisrani, ikun hawn jew ma jkunx hawn divorzju, f'Malta, suppost ma tagħmilx differenza. Xi tgħid?**

Iva u le. Iva, għax, għalih personali, min huwa nisrani, ikun hawn jew ma jkunx hawn divorzju, huwa ma jagħmilx użu minnu. Imma, min huwa nisrani ta' veru, ma jimpurtahx biss minnu nnifsu, imma wkoll mis-soċjetà. Allura, le; għal min huwa nisrani, mhux xorta li jkun hawn id-divorzju jew le.

*ikompli f'paġna 13*

*ikompli minn paġna 12* **Diġà jeżistu koppji mhumiex miżżewġin li ilhom jgħixu flimkien u huma f'relazzjoni stabbli. Il-Knisja hi kontra li l-gvern iħares anki d-drittijiet ta' dawn?**

Il-Knisja qatt ma tista' tkun kontra li jitħarsu d-drittjjiet ta' xi persuna – basta jkunu drittijiet, għax mhux kull xewqa hija dritt. Jekk huwa veru li dawn il-koppji jridu jagħtu xi ħaġa lil xulxin, lanqas għandhom bżonn il-gvern. Pereżempju, biex jirtu 'l xulxin, jistgħu jagħmlu testment biex, jekk xi ħadd minnhom ma jkunx f'sensih, il-persuna l-oħra tkun tista' żżurha fi sptar, tista' tagħmel dikjarazzjoni legali meta tkun għadha f' sensiha. Jista' jibqa' xi elementi oħrajn, bħar-rikonoxximent tal-kera, fil-każ ta' mewt. Il-prinċipju jibqa' li, miżżewġin u mhumiex miżżewġin, mhux xorta, u li ż-żwieġ u l-familja huma prijorità.



*"....Studji juru li d-divorzju jżid it-tkissir taż-żwiġijiet...."*

**Malta hija l-uniku pajjiż fl-Ewropa li m'għandux liġi tad-divorzju. Allura l-Knisja fil-pajjiżi l-oħrajn, x'qiegħda tagħmel?... Il-fatt li aħna biss m'għandniex din il-liġi, ma jurix li din hi battalja mitlufa u qiegħda tinħela ħafna enerġija żejda? Aħna biss bravi?!**

S'issa, aħna, mhux bravi konna. S'issa aħna konna mberkin, għax għexna l-Fidi Kattolika minn ġenerazzjoni għall-oħra u bżajna għall-familji tagħna bħala familji magħqudin. Issa aħna msejħin biex inkunu bravi, għax min hu bravu jitgħallem mill-iżbalji ta' ħaddieħor u, jekk naraw il-konsegwenzi tad-divorzju f'pajjiżi oħrajn, ma jmissniex nitħajru!

Il-Knisja f'dawn il-pajjiżi wkoll hija kontra d-divorzju. Jiena niskanta kif nies li f'ambjenti oħrajn huma tant akkaniti għas-sovranità ta' Malta, f'din il-ħaġa sempliċiment jirraġunaw li jriduna nagħmlu bħal pajjiżi oħrajn. Jiena, profeta m'iniex u, allura, ma nafx x'se jiġri fil-futur. Li naf hu d-dmir li għandna li nagħmlu l-parti tagħna favur żwieġ b'saħħtu u, allura, wkoll kontra d-divorzju.

**Min hu favur id-divorzju spiss jgħid li l-idea li għandha l-Knisja dwar iż-żwieġ hija l-ideal; imma fid-dinja tal-lum l-ideal mhux possibbli, u rridu nkunu realistiċi, għax fir-realtà jeżistu mhux biss żwiġijiet b'saħħithom, imma wkoll żwiġijiet imfarrkin u relazzjonijiet ġodda. Xi tgħid, dwar dan?**

L-idea ta' żwieġ għal dejjem mhijiex biss ideal, imma, għall-grazzja ta' Alla, hija l-prattika ta' ħafna familji. Pereżempju, f' pajjiżna, skont l-NSO, għandna 193,523 miżżewġin u 13,354 separati. Mela, għall-193,523, dan mhux biss ideal, imma l-prattika tal-ħajja. Naturalment, bħal kull ħaġa oħra ta' valur, iż-żwieġ iridu jibqgħu jgħożżuh u jibżgħu għalih.




**Josef Felice**
**(Tal-Bonċ)**
**Servizz tal-Funerali**
**24 Siegħa Kuljum.**

"Casa Felice"
Triq l-Indipendenza,
Ħal Mula, Ħaż-Żebbuġ

SERVIZZ TAL-KOR U ORGANISTA
BLA ĦLAS

PREZZIJIET MODERATI

Tel: 2146 6599 *Mob*: 9945 6733

CLAIRE'S
HAIRDRESSING STUDIO

**TRIQ MIKELANĠ SAPIANO,**
**ĦAŻ-ŻEBBUĠ**
**MALTA**

**Tel: 2146 6656**
**Tel: 2746 6657**
**Mob.: 7905 0130**

TOYOTA
THE QUALITY EXPERIENCE

# IL-FABBRIKA TAD-DIVORZJU

**– minn DUN ANĠ SEYCHELL**

Għal darb'oħra, aħna l-Maltin dħalna f'ambjent ta' diskussjoni dwar id-dħul tad-divorzju f'Malta. Diġà saret diskussjoni dwar id-divorzju meta Alfred Sant kien Prim Ministru. Saret diskussjoni oħra meta l-Mexxej il-ġdid Laburista, Joseph Muscat, fisser il-ħsieb tiegħu li jressaq abbozz ta' liġi favur id-dħul tad-divorzju. Xhur ilu, saret l-istess proposta min-naħa tad-Deputat Parlamentari Nazzjonalista, Jeffrey Pullicino Orlando. U llum qegħdin lejlet ir-referendum.

F'kull waħda minn dawn id-diskussjonijiet li semmejt, jiena ħadt sehem kontra d-dħul tad-divorzju f'Malta. Hekk għadni naħsibha llum, mhux għax jien qassis, lanqas għax jien Nisrani, imma għax jien ċittadin Malti li ninsab konvint li d-dħul tad-divorzju mhux ta' ġid għall-poplu tagħna.




*"....ID-DIVORZJU: dudu li jherri minn ġewwa l-istituzzjoni taż-Żwieġ...."*

Jalla din id-diskussjoni tkun kalma, jinstemgħu l-ilħna kollha favur u kontra. Jalla ma jkun hemm ħadd li jgħid li l-Knisja ma għandhiex issemma' leħinha għax b'hekk tkun qiegħda timponi fuq l-opinjoni pubblika. Jalla ma jkun hawn ħadd li jaħseb li l-fehma tiegħu hi progressiva u dik ta' ħaddieħor antikwata.

**Għaliex jiena kontra d-dħul tad-divorzju?**

Għax l-esperjenza ta' pajjiżi oħrajn urietni li d-divorzju flok kien soluzzjoni għal min tfarrak fiż-żwieġ, kif ħasbu u għadhom jaħsbu ċerti mexxejja politiċi, inbidel f'dudu li jherri minn ġewwa l-istituzzjoni taż-żwieġ – tant li n-nies ma jibqgħux jiżżewġu. Hawn min qiegħed jgħid li qiegħed iseħħ strajk taż-żwieġ. Hawn min qiegħed jgħid li qegħdin ngħixu f'soċjetà post-matrimonjali. In-nies qegħdin jiżżewġu dejjem inqas u t-tfal qegħdin dejjem iżjed jitwieldu barra miż-żwieġ. Se nsemmi pajjiż wieħed biss.

**F'kull waħda minn dawn id-diskussjonijiet li semmejt, jiena ħadt sehem kontra d-dħul tad-divorzju f'Malta. Hekk għadni naħsibha llum, mhux għax jien qassis, lanqas għax jien Nisrani, imma għax jien ċittadin Malti li ninsab konvint li d-dħul tad-divorzju mhux ta' ġid għall-poplu tagħna.**

Fl-Amerika hemm bħalissa iżjed minn ħames miljun koppja poġġuti (jew jikkoabitaw), kważi tmien darbiet iżjed milli kien hemm fl-1970. Jirriżulta wkoll li, 40% tat-trabi li twieldu fl-Amerika fis-sena 2007, għandhom ġenituri mhumiex miżżewġin. Dan ifisser li, fi żmien ħames snin, mis-sena 2002 sal-lum, ir-rata ta' trabi barra miż-żwieġ żdiedet b'25%. U dawn l-iktar li żdiedu fost in-nisa ta' bejn 25 u 39 sena; mis-sena 1980, dawn irdoppjaw.

**Għaliex qieqħed jiġri hekk?**

Għax meta jidħol id-divorzju f'pajjiż, ma jidħolx biss għaż-żwiġijiet imfarrkin. Jidħol għaż-żwiġijiet kollha u jdaħħal miegħu l-mentalità divorzista, li taħrab mill-problemi u tirrikorri lejn il-qorti. L-Avukat Massimiliano Fiorin huwa avukat ċivili, President tal-Kamra tal-Avukati tal-Belt ta' Bologna, fl-Italja, huwa ġurnalista u jieħu sehem f'diversi *blogs* u inizjattivi kulturali.

Dan l-avukat jgħid li l-qrati u l-uffiċċji tal-avukati saru fabbrika tad-divorzji li timxi bħal katina fejn tidħol il-liġi tad-divorzju. Jgħid ukoll li l-Punent, flok jgħin l-alleanza naturali bejn ir-raġel u l-mara, bil-liġijiet divorzisti tiegħu, bena sistema li tqiegħed iż-żewġ sessi kontra xulxin, billi jonfoħ ir-raġunijiet egoistiċi ta' kull wieħed u waħda.

L-Avukat Fiorin għandu tlett itfal subien miż-żwieġ tiegħu u stqarr, li kiteb il-ktieb "*La fabbrica dei divorzi*", biex jgħin lilhom u lil ħafna oħrajn, ħalli ma jaqgħux fil- *ikompli f'paġna 15*

*ikompli minn paġna 14*

mekkaniżmu infernali tal-fabbrika tad-divorzju.

✝

**Doris Attard u l-familja jagħmlu offerta biex il-ġid li joħroġ minn din il-paġna jmur b'suffraġju għal ruħ is-Surmast Amante Attard.**

**Mingħajr preġudizzji**

Dan l-avukat ta' esperjenza jistqarr li s-soċjetà tal-Punent trid tħares b'mod ġdid lejn id-divorzju mingħajr il-preġudizzji ideoloġiċi u l-impressjonijiet komuni tas-snin 70. Fil-fehma tiegħu, l-istituzzjoni tad-divorzju jeħtieġ tkun riveduta mill-qiegħ, qabel ma s-soċjetà tal-Punent tkun marret il-baħar.

Dr Fiorin iżid jgħid li, mill-fatti li oħorġu mill-qrati u mill-uffiċċji tal-avukati, jirriżulta ċar kemm hu floku li l-operaturi kollha ta' dan il-qasam – avukati, maġistrati u konsulenti – jirrevedu l-mod kif jaħsbu u joperaw dwar iż-żwieġ u d-divorzju.

**Dan l-avukat jgħid li l-qrati u l-uffiċċji tal-avukati saru fabbrika tad-divorzji li timxi bħal katina fejn tidħol il-liġi tad-divorzju. Jgħid ukoll li l-Punent, flok jgħin l-alleanza naturali bejn ir-raġel u l-mara, bil-liġijiet divorzisti tiegħu, bena sistema li tqiegħed iż-żewġ sessi kontra xulxin, billi jonfoħ ir-raġunijiet egoistiċi ta' kull wieħed u waħda.**

**Lura lejn il-missier**


"... Għandna quddiemna għażla serja... Hemm fin-nofs il-ġejjieni tas-soċjetà Maltija..."

U, mill-qasam tal-qrati, Fiorin jagħti ħarsa usa' lejn il-kultura kollha tal-Punent. F'din il-kultura, jgħid hu, hemm bżonn terġa' tidħol ix-xbieha tal-missier, sinjal ta' awtorità, ta' stabbiltà, ta' ordni u ta' ħarsa awtentika lejn il-ġejjieni tal-familja. U jistqarr li s-soċjetà tagħna għandha bżonn profond ta' din ir-reviżjoni.

Dan l-avukat ta' esperjenza jmur iżjed 'l hemm. Jgħid li wasal iż-żmien li tinstab alternattiva għad-divorzju bħala liġi. Fl-Amerika qiegħda tin-xtered dejjem iżjed l-alternattiva tal-hekk imsejjaħ '*covenant marriage*', biex jiskopri iżjed fil-fond it-tifsira taż-żwieġ. Nittama li 'l quddiem inkun nista' ngħarrafkom iżjed dwar din l-alternattiva.

U Dr. Fiorin iżid jgħid li wasal iż-żmien li l-operaturi tal-liġi tad-divorzju ikollhom min jgħinhom jifhmu aħjar it-tilwim bejn il-miżżewġin, biex iħarsu mod ieħor lejn il-ħajja ta' kuljum, permezz ta' għażla mhux iżjed favur il-kumdità tal-klijenti tagħhom, imma favur il-post tal-familja fis-soċjetà.

**Ma nkunux superfiċjali**

Ejjew ma nkunux superfiċjali f'din id-diskussjoni dwar id-divorzju. Jien nemmen li aħna l-Maltin ilkoll irridu l-ġid ta' pajjiżna u tal-familji li hawn fis-soċjetà tagħna. Iżda r-realtà tad-divorzju fil-Punent għadha sal-lum miksija biċ-ċpar tal-preġudizzji ideoloġiċi u l-impressjonijiet komuni. Sewwasew bħall-*iceberg* li lejha qorbu l-passiġġieri li qagħdu jiżfnu fuq il-pont tal-vapur *Titanic*!

**Ilkoll kemm aħna, nemmnu u ma nemmnux, attivi f'partit politiku jew le, għandna quddiemna għażla serja, iżjed serja minn dik li kellna ftit snin ilu, jekk nidħlux fl-Unjoni Ewropea jew le. Hemm fin-nofs il-ġejjieni tas-soċjetà Maltija, taż-żwieġ, tal-familja, tal-hena ta' tant ulied li jeħtieġu l-għożża u l-imħabba t'ommhom u ta' missierhom.** Nagħtu sehemna fid-diskussjoni, bl-umiltà u bis-serjetà kollha. U fl-aħħar mill-aħħar inkunu lesti naċċettaw il-verdett demokratiku li jagħti l-poplu Malti bir-rispett kollu, dejjem lesti bex naħdmu għall-ġid komuni ta' dan il-Ġens żgħir li jkollu jagħmel għażliet kbar!

**Skont il-psikoterapewta Claudio Rise, aħna msejħin biex "inħarsu b'mod differenti lejn fenomenu li, minkejja l-enormità u d-drammatiċità tiegħu, f'ħafna sensi għadu mhux esplorat".**

**Naqdu dan id-dmir b'kuxjenza u b'sinċerità!**

# IT-TMIEN BEATITUDNIJIET

## (BARKIET) TAL-MIŻŻEWĠIN

IMBERKIN INTOM IL-MIŻŻEWĠIN.... li tafu tkunu **fqar fl-ispirtu**, li ma tħallux li l-hena tagħkom ikun jiddependi min kemm għankom flus fil-banek, karozza sabiħa, dar lussuża.

IMBERKIN INTOM IL-MIŻŻEWĠIN.... li tagħrfu **tilqgħu b'kuraġġ** is-slaleb u l-mewġ tal-ħajja u ma taqtgħux qalbkom mill-ħniena t'Alla.

IMBERKIN INTOM IL-MIŻŻEWĠIN.... ta' **qalbkom ħelwa**.... li tafu tisimgħu u taħfru lil xulxin; li tafu taċċettaw id-differenzi ta' xulxin mingħajr ma tiġġudikaw lil ħadd.



IMBERKIN INTOM IL-MIŻŻEWĠIN.... li għandkom **il-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja**; li żżommu qalbkom u darkom miftuħa u tinteressaw irwieħkom mill-problemi u l-ħtiġiet tal-proxxmu fil-bżonn.

IMBERKIN INTOM IL-MIŻŻEWĠIN.... **li tħennu** għal dawk ħutkom morda, ....li titbaxxew iddewwulhom il-ġrieħi, .... li tagħrfu tilqgħu f'darkom u tħejju ikel għall-foqra.

IMBERKIN INTOM IL-MIŻŻEWĠIN.... **ta' qalbkom safja**, li tingħataw, kollkom kemm intom, lil xulxin u tilqgħu l-ħajja bħala rigal tal-Imħabba tal-Ħallieq.

IMBERKIN INTOM IL-MIŻŻEWĠIN.... **li ġġibu u tibnu l-paċi** fil-familja u fid-dinja; li, f'kull konflitt, tfittxu d-djalogu; li ssolvu l-problemi, mhux bis-saħħa tal-ponnijiet, iżda bis-saħħa tar-raġuni; li tibnu pontijiet li jgħaqqdu... mhux ħitan li jifirdu.

IMBERKIN INTOM IL-MIŻŻEWĠIN.... jekk f'ħajjitkom jirnexxilkom **tpoġġu fil-prattika** mqar ftit minn dak li jgħallimkom il-Vanġelu....; u, jekk jgħajrukom li intom "fidili" u "boloh", henjin intom dak il-ħin, għax il-Mulej ikun kuntent bikom.

**Mir-rivista *ITALIA CARITAS*, Lulju-Awwissu 1992.**

# FAMILJA TABILĦAQQ NISRANIJA, HIJA...

Dik mibnija fuq.... tħejjija tajba minn qabel, b'tagħlim xieraq, u formazzjoni li tkompli matul iż-żwieġ.

Dik mibnija fuq is-Sagrament taż-Żwieġ, li għandu, bħala skop: l-imħabba konjugali, il-prokreazzjoni (tnissil) u l-edukazzjoni tal-ulied.



Dik li taċċetta li Alla jkun tassew Alla tagħha.... u tagħmel ħilitha biex taċċetta u twettaq il-pjan tiegħU (ta' Alla).

Dik li fiha l-miżżewġin iżommu dejjem l-imħabba ta' bejniethom..... li ma tesprimix ruħha biss fil-lingwaġġ sesswali.... iżda tfisser ukoll rispett... sagrifiċċju... xewqa li tħabrek għall-kuntentizza tal-oħrajn:.... maħfra... u mogħdrija.

Dik li għandha l-imħabba lejn l-ulied....: iħobbuhom.... jipproteġuhom sa mit-tnissil tagħhom.... u jedukawhom biex jikbru f'ċittadini tajbin u kattoliċi awtentiċi.

Dik li fiha jkun hemm: djalogu bejn xulxin – jiltaqgħu, jifirħu u jitkellmu ma' xulxin; djalogu ma' Alla, permezz ta' talb kuljum u bil-qima.

**– Mill-Ittra Pastorali tar-Randan 1994 tal-E.T. Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca u l-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi.**

• • • • • • • • • • • • • • • • • • • • •

## INĦARSU R-RABTA DEJJIEMA TAŻ-ŻWIĠIJIET TAGĦNA!